# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar id-9 ta' Lulju 2024

**Rik. Gur. Nru.: 35/2019 JPG**

**Kawza Numru : 4**

**NB**

**Vs**

**AG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' NB datat 6 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat mil-liema relazzjoni twieldet tifla li nghatat l-isem ta' SB nhar X liema att tat-twelid qieghed jigi hawn anness u mmarka bhala Doc NB1.*

2) *Illi l-partijiet attendew ghal medjazzjoni fejn id-divergenzi ta' bejniethom gew indirizzati quddiem il-Medjatrici Erica Cutugno liema medjazzjoni nghalqet stante illi l-partijiet ma waslux ghal kompromess dwar kif ghandu jigi regolat l-access tal-minuri kif ukoll l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha.*

3) *Illi b'digriet ta' nhar it-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena 2018 numru 1615/17 liema digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Doc NB2, l-esponenti giet moghtija l-possibilita li tipprocedi bic-citazzjoni.*

4) *Illi r-rikorrenti trid illi timmodifika l-access tal-minuri mal-missier liema access huwa regolat b'digriet tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' April tas-sena 2018 liema digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Doc NB3 flimkien ma kopja tar-rikors li ghalih inghata l-istess digriet hawn anness u mmarkat bhala Doc NB4 u dan minhabba l-fatt illi l-omm thoss illi m'ghandhiex bizzejjed hin ghal mal-minuri matul il-weekend.*

5) *Illi ghakhekk ir-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi permezz ta' kawza fejn jigu ndirizzat id-divergenzi illi hemm bhalissa bejn il-partijiet.*

6) *Illi l-esponenti huwa bniedem irresponsabli fejn jidhol sigurta ghal sahhet l-istess minuri u dan stante il fatt illi f'diversi okkazzjonijiet waqt illi t-tifla kienet mal-missier ghall-access it-tifla waqghet kemm-il darba anke minn fuq hover board illi xtralha l-missier stess u sofriet griehi ta' natura gravi f'saqajha t-tnejn u minghajr ebda interess il-missier iddecieda li jhalliha tbati l-ugiegh sakemm tmur ghand ommha u dan kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kas.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1) *Timmodifika l-access tal-minuri minn kull nhar ta' Tlieta u Erbgha ghal kull nhar ta' Tlieta u Erbgha bejn l-4.30pm u s-7.30pm;*

2) *Tordna illi l-isleepovers jinzammu dejjem mill-Gimgha ghas-Sibt mis-6.00pm sas-6.00pm;*

3) *Tordna illi fil-kas ta' festi pubblici il-minuri ghandha tittiehed mill-missier f'gheluq sninha u cioe mill-10.00pm sas-1.00pm sabiex l-omm ikollha hin adekwat maghha ukoll.*

4) *Tordna illi l-minuri tqatta jum il-missier bejn l-10.00am u l-5.00pm mal-missier;*

5) *Tordna illi jekk f'jum l-omm il-minuri ikun imissha access mal-missier, din tqatta gurnata mal-omm;*

6) *Tordna illi matul il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-minuri ghandha b'mod alternattiv tqatta l-granet billi tittiehed mill-missier ghal-erbgha u ghoxin (24) siegha.*

7) *Tordna illi l-minuri ma tkun qatt esposta ghal kumpanija ta terzi ghajr ghan-nanniet u zijiet materni u paterni.*

8) *Tordna illi meta l-festi pubblici jirrizultaw fil-gurnata tal-Hadd wara sleepover, il-missier izomm lil minuri ghal erbgha u ghoxrin siegha biss.*

9) *Tordna illi l-intimat jivversa nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri wara illi jigi pprezentat b'kopja tal-ircevuti rispettivament u dan b'mod retrospettiv u cioe minn mindu l-minuri giet rikonoxxuta mill-missier bhala l-wild niologiku tieghu stante illi ghakemm hemm digriet ta' nhar il-25 ta' April 2018 u anke iehor tat-28 ta' April 2018 illi jikkonferma dan, il-missier Qatt ma vversa spejjez tal-edukazzjoni u s-sahha.*

*L-ispejjez kontra l-konvenut illi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' dain il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' AG, datata 27 ta' Marzu 2019, a fol 18 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni illi kellhom il-partijiet twieldet il-minuri SGB u mhux SB kif erronjament gie indikat fir-rikors promotur.*

2. *Illi l-esponenti jirrileva illi l-modalita' ta' access kien qieghed jigi ezercitat bhalissa huwa regolat permezz ta' digriet tal-14 ta' Dicembru ta-sena 2016, hawn anness u mmarkat Dok A, u permezz ta' digriet iehor datat 28 ta' April 2018, hawn anness u mmarkat Dok B u mhux permezz tad-digriet tat-23 ta' April 2018 kif erronjement indikat fir-irkors promotur.*

3. *Illi d-digriet tal-14 ta' Dicembru tas-sena 2016 dejjem hadem tajjeb u kemm l-esponenti kif ukoll il-minuri drawh u ghalhekk tali access ghandu jibqa in vigore', u ma hemm xejn li jindika l-kuntrarju.*

4. *Illi kwantu ghall-irresponsabilita' da parti tal-esponenti u l-griehi gravi li r-rikorrenti ghamlet refereneza ghalihom fis-sitt premessa tar-rikors promotur, l-esponenti jirrileva illi l-minuri qatt ma garbet griehi gravi, huwa vera illi gieli waqghet u selhet saqajha u l-irkoppa, izda qatt ma kellha bzonn li tmur ghand tabib. Ma huwiex gust illi r-rikorrenti tpingi storja inveritiera fil-konfront tal-esponenti.*

5. *Illi di piu' l-esponenti ma jsib l-ebda oggezzjoni illi l-access ta' kull nhar ta' Tieta u Erbgha jkun bejn l-4.30pm u s-7.30pm u dan bhalma ilu jsir ghal diversi xhur. Anzi tkun il-minuri stess illi gieli tibqa sat-8.00pm jew id-9.00pm u dan b'approvazzjoni tar-rikorrenti stess u stante illi l-partijiet joqghodu ftit metri 'l boghod minn xulxin.*

6. *Illi kwantu ghat-tieni talba din ghandha tigi michuda stante illi ma jkunx gust illi l-esponenti qatt ma jkun jista jgawdi l-gurnata tal-Hadd ma' bintu. Oltre dan huwa jahdem fil-gurnata tas-Sibt u meta jkollu lill-minuri mieghu huwa jaghmel arrangamenti alternattivi. Ma hemmx raguni valida ghalfejn din it-talba ghandha tintlaqa.*

7. *Illi a rigward it-tielet talba din ukoll ghandha tigi michuda peress illi b'hekk l-esponenti qatt ma jkun jista jgawdi lil bintu f'festa pubblika u wisq inqas jehodha ghal xi picnic jew gurnata bahar. Prezentement u skond id-digriet tal-14 ta' Dicembru tas-sena 2016, l-esponenti jkollu access bi sleepover ta' 24 siegha b'mod alternat ghall-festi pubblici, u cioe' mis-6.00pm ta' lejliet il-festa, sas-6.00pm ta' jum il-festa. Il-hinijiet tal-access fil-festi pubblici kif qieghed jigi ezercitat bhalissa huwa tajjeb u ma ghandux jinbidel.*

8. *Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda in parte fis-sens illi l-access tal-esponenti f'Jum il-Missier ghandu jibqa jigi ezercitat mill-10.00am sas-6.00pm kif prezentement isir, b'dan illi jekk l-access ta' dak il-weekend*

*jinzerta mis-Sibt ghall-Hadd, ikun japplika dak l-access.*

9. *Illi l-hames talba ghandha tintlaqa', wara kollox dejjem hekk sar.*

10. *Illi kwantu ghas-sitt din ghandha tintlaqa'.*

11. *Illi s-seba' talba ghandha tigi michuda peress li l-esponenti ma jistax jigi prekluz milli jkun fil-kumpanija ta' terzi matul il-hin kollu illi huwa jkollu l-minuri fil-kura tieghu. Ma hemm l-ebda raguni valida ghalfejn din it-talba ghandha tintlaqa' jekk mhux ghal pika illi ghandha r-rikorrenti.*

12. *Illi t-tmien talba ghandha tigi michuda stante illi ma jistax ikun illi l-esponenti ma jiltaqax ma hbieb tieghu illi wkoll ghandhom it-tfal fil-hin illi huwa jkollu l-access mal-minuri, b'dan illi l-minuri ma ghandhiex tigi mcahhda milli tkun fil-kumpanija ta' tfal ohra bhalha u l-genituri taghhom.*

13. *Illi t-tmien talba ghandha tigi michuda peress li l-gurnata li fihom tigi festa pubblika tinbidel kull sena u jekk xi wahda mill-festi l-minuri jkun imissha sleepover mal-esponenti mhux se taqa' d-dinja billi tqatta 48 siegha ma' missierha minflok 24 siegha. Wara kollox il-minuri tqatta' ferm iktar sighat minn hekk mar-rikorrenti. Il-minuri llum ghandha kwazi 13-il sena u kapaci tikkomunika ma' ommha fil-hin li fih tkun mal-esponenti.*

14. *Illi kwantu ghad-disa' talba, l-esponenti ilu mid-data tad-digriet tal-21 ta' Settembru tas-sena 2016 jivversa sehemu mill-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Vide Dok C li huwa kopja tad-digriet.*

15. *Illi l-attrici mhix interessata fir-relazzjoni bejn bintha u l-esponenti anzi qieghda taghmel minn kollox sabiex ixxekkilha. Is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja fl-14 ta' Dicembru 2012 (Rik Gur 264/11AL), kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok D hija prova ta' dan, jirrizulta illi fil-kawza giet intavolata mill-konvenut*

*peress illi l-attrici ma intavolatx nota ta' accettazzjoni fi zmien 60 jum min-notifika ta' ittra ufficjali u ergo l-ispejjez gew alloktati kollha lilha. Jirrizulta illi l-esponenti ghamel zmien twil ma jkollu access ghal bintu.*

16. *Illi di piu' l-attrici sa akkuzat lill-esponenti bil-korruzzjoni ta' binthom. Huwa gie liberat mill-akkuza kif jirrizulta minn sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs AG moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Marzu 2016, hawn annessa u mmarkata Dok E, liema sentenza ghaddiet in gudikat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici.*

Rat illi permezz ta' rikors datat 7 ta' Jannar 2020 (vide fol 66) l-attrici talbet illi tizdied talba gdida mar-rikors promotur a tenur tal-Artiklu 175(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe:

*Tordna lill-intimat jghaddi lir-rikorrenti dak l-ammont rappresentanti alimenti retroattivi dovuti minn versu l-minuri ghall-pejodu 2 ta' Lulju 2006 sa l-14 ta' Dicembru 2016 jew dak il-perjodu li jista hekk jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti u cioe l-perjodu li jigi qabel il-jum li fih l-intimat beda attwalment lir-rikorrenti r-retta alimentarja hekk kif stabilita u ordnat mill-Qorti permezz ta' digriet tal-21 ta' Settembru 2016.*

Rat illi permezz ta' digriet datat 9 ta' Jannar 2020, din il-Qorti laqghet it-talba hekk kif dedotta;

Rat illi permezz ta' digriet datat17 ta' Frar 2021, (vide fol 127 et seq) din il-Qorti cahdet it-talba ghall-awtorizzazzjoni biex isir appell qabel tinghata s-sentenza definitiva.

Rat illi permezz ta' rikors datat 11 ta' Marzu 2022, (vide fol 211) l-attrici talbet illi tigi awtorizzata zzied talba gdida u cioe:

*Tordna lill-intimat ihallas retta alimentari lir-rikorrenti bhala manteniment ghall-minuri u din sakemm taghlaq it-tmintax- il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk likwidat.*

Rat illi permezz ta' digriet datat 16 ta' Marzu 2022, din il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici kif dedotta. (vide fol 213 et seq)

Rat ir-rikors tal-attur datat 24 ta' Marzu 2023, (vide fol 243 et seq) fejn talab lil din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni ulterjuri li taqra:

> *illi kwantu ghat-talba tal-manteniment arretrat u fi kwalunkwe kaz, it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(b) u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat ir-risposta tal-attrici datata 19 ta' April 2023 a fol 247

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' April 2023 (a fol 250) fejn laqghet it-talba u tat lill-attrici l-fakolta li tressaq provi ultejruri in vista tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. (vide fol 250).

**Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2023 (vide fol 275 et seq) il partijiet kif assisti iddikjaraw illi t-tifla tal-kontendenti ilha tghix mal-missier minn Settembru 2023, u ghaldaqstant il-partijiet qed jaqblu u l-Qorti hekk tordna illi d-digriet tal-manteniment ma ghadux applikabbli**. Illi di piu il-Qorti giet infurmata li l-minuri ta' sbatax- il sena ghandha impjieg regolari u fiss u ghaldaqstant ma hemmx manteniment dovut mill-omm ghat-tifla.

Rat ir-rikors tal-intimat tas-6 ta' Frar 2024 ghall-prolazzjoni tas-sentenza u estensjoni tat-terminu tan-nota ta' sottomissjonijiet;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-attrici datata 27 ta' Gunju 2024 li permezz taghha ma insistietx fuq l-allegazzjoni tal-medjazzjonijiet li ma gewx rintraccati;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet nhar it-8 ta' April 2019 (vide fol 49 et seq)*** u spjegat illi mir-relazzjoni taghha mal-intimat, twieldet tifla, SGB. L-attrici ikkonfermat illi qabel gew intavolati dawn il-proceduri, il-partijiet kienu resqu ghall-medjazzjoni. Tispjega illi kemm ilha li l-minuri bdiet l-iskola Sekondarja peress li qieghda tasal iktar tard id-dar, il-hin biex isir il-homework u l-istudju naqas anke peress li l-minuri trid tattendi ghall- muzew darbtejn fil-gimgha. Tixhed illi il-minuri tkun trid taghmel il-*homework* mal-omm u ghalhekk ma tiehdux maghha ghall-access u peress li fil-weekend ikollha *sleepovers* mal-missier fuq bazi alternata, lanqas nofstanhar il-Hadd ma gieli jkollhom biex jistudjaw.

Spjegat illi kien biss meta l-minuri kellha sittta jew seba' (6/7) snin li bdiet tmur ghall-access mal-intimat, u dana stante li l-missier ma kienx irrikonoxxa lill-minuri bhala bintu mat-twelied. Illi filfatt imbaghad kienu gew intavolati proceduri l-Qorti fejn anke kien sar id-DNA. L-attrici tishaq illi filwaqt li hija tircievi manteniment, l-ispejjes tas-sahha u edukazzjoni thallsu biss darba u dana fl-ammonta ta' EUR 135.

In *kontro-ezami***,** l-attrici filwaqt illi kkonfermat illi hija l-minuri li waqt l-access ta' fost il-gimgha tkun trid li tibqa' iktar ghand il-missier, tishaq illi l-missier ghandu jkun responsabbli u jibghata lura d-dar, anke peress li l-minuri tmur u tirritorna mill-access wahedha, ghaliex l-partijiet joqghodu vicin ta' xulxin, l-attrici ma thossiex komda li l-minuri tirritorna lura d-dar ghandha meta jkun diga dalam. Tikkonferma ukoll illi t-tifla ghamlet il-grizma u hija decisjoni tat-tifla li ghadha tmur il-Muzew. Rigward il-*homework,* l-attrici isostni illi mhuwiex minnu li hi ma tkunx trid tibghatha bil-baskett tal-iskola ghaliex tibza li thalli xi haga warajha, izda hija t-tifla li tkun trid taghmel il-*homework* maghha d-dar. Tikkonferma ukoll illi l-intimat kien baghtilha ittra ufficjali

biex jirrikonoxxi lit-tifla, izda hi preferiet li jsir kollox bil-Qorti. Sostniet illi kien hemm certu dizgwied rigward ix-xiri tal-uniformi ghaliex l-intimat ppretenda li tinxtara wahda biss, meta dan mhuwiex possibbli u tishaq illi sahanistra anke biddlet il-hanut minn fejn tixtri l-*istationary* sabiex l-ircevuta tkun wahda *itemized* halli ma jkunx hemm kwistjonijiet.

L-attrici isostni ukoll illi xi drabi waqt l-access tal-Hadd, il-minuri tohrog mal-hbieb taghha.

***Ignatius Ciantar, in rapprezentanta tar-Registru Pubbliku, xehed nhar it-30 ta' Gunju 2021,*** fejn esebixxa ic-certifikat tat-twelied tal-minuri bint il-partijiet (vide dok IC1 a fol 149 tal-atti), u kkonferma illi **d-data ta' meta l-minuri giet rikonoxxuta** bhala bint l-intimat **hija dik tal-14 ta' Dicembru 2012 wara sentenza tal-Qorti**.

***L-attrici ri-prodotta nhar it-30 ta' Gunju 2021 (vide fol 150)*** esebiet sensiela ta' dokumenti mmarkati NBZ1-5 li jindikaw ricevuti ghal medicina, dentist, u spejjes relatati mal-iskola.

***L-attrici xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 140 et seq)*** fejn spjegat illi l-ewwel pagament li ghaddileha l-intimat in kwantu manteniment kien *cheque* ghall-ammont ta' EUR 200, u minn dakinhar tali pagament baqa jsir kull xahar. Illi l-ewwel manteniment kien gie versat wara digriet tal-Qorti fl-21 ta' Settembru tas-sena 2016. Illi pero' fir-rigward tal-ispejjes relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, l-attrici isotni illi dawn qatt ma rcevithom, ghajr darba meta l-intimat ghadda pagament ta' circa EUR 130 minhabba spiza ta' uniformi tal-iskola ghat-tifla.

Tishaq illi dawn l-ispejjes kienu spejjes kontinwi, u kienet hi li kopriethom kollha. Tixhed illi minkejja li l-intimat gie rikonoxxut bhala missier it-tifla fis-sena 2012, wara proceduri li intavola hu stess, l-ewwel darba li rceviet manteniment kien f' Dicembru tas-sena 2016 minkejja li hu kien jaf mill-bidu net illi t-tifla kienet tieghu , stante li wara biss ftit gimghat mit-terminazzjoni tar-relazzjoni taghhom, l-attrici kienet infurmatu illi kienet harget tqila. Illi il-proceduri ta' filjazzjoni indirizzaw biss il-paternita u l-access, b'dana illi l-kwistjoni ta' manteniment ma kienitx giet indirizzata, peress li ma kienx hemm talba f'dak is-sens. Illi ghalhekk sussegwentement l-attrici

fethet il-proceduri odjerni. Illi ghalhekk tinsisti illi l-manteniment ghandu jithallas mit-twelied tal-minuri u mhux mid-data tad-digriet.

Fir-rigward access, l-attrici tishaq illi l-intimat ghandu access darbtejn fost il-gimgha ta’ tlett sieghat u gurnata shiha fil-weekend, b’*sleepover*. Tirrileva illi hija tixtieq li meta jkun hemm festa li tinzerta fil-weekend, u l-minuri tkun diga raqdet ghand il-missier, fil-festa il-minuri tkun mal-omm, u taghmel mit-tlieta ta’ wara nofs inhar sat-tlieta tal-ghada, biex b’hekk l-omm tkun tista’ tgawdi ftit lill-minuri.

***L-intimat xehed permezz ta’ affidavit (vide fol 161 et seq)*** u spjega illi hu u l-attrici kienu f’relazzjoni ta’ madwar hames (5) snin, liema relazzjoni kienet spiccat ghal kollox fis-sena 2005 u dan wara li l-intimat kien induna li kien hemm infedelta’ da parti tal-attrici. F’dik l-istess sena, l-attrici kienet harget tqila, izda lilu ma kienet qaltlu b’xejn u hu skopra b’dan il-fatt madwar sitt (6) xhur wara. Illi fit-2 ta’ Lulju tas-sena 2006, twieldet il-minuri, u llum ghandha hmistax- il sena. Xehed illi inizjalment il-minuri kienet registrata bhala wild missier mhux maghruf, izda hu kien qal lill-attrici illi ried jaghmel test tad-DNA izda l-attrici li qatt ma riedet tghamel dan ghaliex kienu jonqsulha l-beneficcji socjali. Filfatt u minkejja dan, hu kien baghat ittra ufficjali lill-attrici.

Izid illi l-attrici qatt ma nteressaha mir-relazzjoni tieghu mal-minuri, u dejjem ghamlet li setghet biex ixxekkilha u kien ghalhekk illi fetah il-kawza ta’ paternita.’ Isostni illi l-attrici dejjem riedet li t-tifla tkun taghha u taghha biss, u ghal snin shah impeditu milli jkollu relazzjoni xierqa ma bintu. Jishaq illi tul is-snin infethu diversi medjazzjonijiet, fejn l-attrici kienet kull darba titlob li jigi modifikat u mnaqqas l-access tieghu.

Jispjega illi minkejja li l-attrici giet ordnata thallas l-ispejjes tal-kawzi li infethu kontra l-intimat, **l-intimat isostni illi kien dejjem hu li kellu jhallas ghal dawna l-ispejjes u ghalhekk dawn ghandhom jitnaqqsu mill-ispejjes illi l-attrici qieghda titolbu**.

Fir-rigward l-access, l-intimat jispjega lli l-minuri ormai kibret, u ghalhekk ghandu jkun hemm access liberu, b’dana illi t-tifla ghandha tiddeciedi hi kif talloka l-hin taghha, anke peress illi huwa jifhem li ormai, fil-weekend tkun trid tohrog ma’ shabha. Jixhed illi l-omm unilateralment iddecidiet li zzomm lit-tifla sena skolastika d-dar biex

imbaghad wahedha ddecidiet li tibghata lezzjonijiet tal-privat erba' darbiet fil-gimgha, minghajr ma infurmatu fejn qieghda tmur.

Fir-rigward manteniment, l-intimat xehed illi huwa qieghed ihallas is-somma ta' EUR 200 fix-xahar u li din is-somma ilha tithallas ferm qabel ma inghata l-ordni tal-Qorti, u filfatt dak iz-zmien kien jaghtiha EUR 50 fil-gimgha izda kien hemm perjodu fejn lanqas dan il-pagament ma kienet taccetta biex zgur ma turihx lit-tifla. Fir-rigward l-ispejjes huwa jirrileva illi kemm –il darba kien informa lill-attrici illi meta jkun hemm bzonn xiri ta' spejjes kbar, ghandhom jiftehmu jmorru flimkien biex sehmu jithallas dak il-hin, izda l-attrici qatt ma accettat. Illi lanqas ma kienet tinfurmah meta t-tifla tkun ma tiflahx.

Jispjega ukoll illi l-ispejjes il-kbar tal-minuri ihallashom wahdu u qatt ma talab rimbors ghalihom. Matul is-snin isostni illi xtara *laptop* tal-marka *Lenovo* li kien jiswa' EUR 780, u kif ukoll xtralha tliet (3) *mobile phones*, bl-ahhar wiehed kien jiswa EUR 550. Illi l-istess ghal kull *gadget* gdid li jkollha bzonn il-minuri bhal *Tablets* u *Playstation* 4. Jispjega illi hu qatt ma zamm rendikont ta' dak li jonfoq ghall-minuri propju ghaliex huwa dejjem ried li jaghmel dak kollu possibbli sabiex bintu ma jonqosha xejn, u l-*partner* tieghu bhalu ukoll tonfqilha hafna flus, u filfatt meta bintu xtaqet basket tal-*Adidas* qabad u xtrajulha minkejja li kien jiswa EUR 80 u mieghu xtralha ukoll *trainers*. Izid illi l-*partner* tieghu tiehu hsieb tiehu lill-minuri taghmel xaghra kull gimgha u anke tohdilha hsieb il-kura ta' wiccha u ghall-dawn l-ispejjes ihallas hu. Izid illi b'mod regolari jixtrilha ukoll diversi hwejjeg u zraben, u jaghtiha ukoll *pocket money* ghaliex it-tifla tghidlu li ommha m'ghandhiex minn fejn itiha, tant li fil-gimgha gieli ta erbghin ewro (EUR 40). Isostni illi filfatt fil-gimgha jonfqilha madwar EUR 100 u ghalhekk isostni li hu qieghed jikkontribwixxi b'mod ekwu ghat-tifla.

Fir-rigward l-arretrati ta' manteniment, is-sena 2006 sas-sena 2016, spjega illi hu dam madwar sentejn u tliet xhur jghaddi EUR 50 fil-gimgha bhala manteniment ghat-tifla, u dan sakemm l-attrici waqfet taccettahom. Illi sussegwentement kien hemm il-kawza kriminali u wara inaghata d-digriet fuq il-manteniment.

***In kontro-ezami nhar l-1 ta' Gunju 2022, l-attrici (vide fol 225A et seq)*** stqarret illi hi tiftakar id-dati minnha indikati fl-affidavit taghha, ghaliex dik is-sena kienet

inharqitilhom id-dar u b'hekk baqghet tiftakar, peress li l-intimat kien ivversa l-manteniment ftit qabel inharqet id-dar. Tishaq illi l-manteniment dejjem ircevithom bhala *cheque* minghand l-Avukat tal-intimat u ghadha tircevihom hekk sal-lum. Tikkonferma illi l-ewwel *cheque* li irceviet minghand l-avukat tal-intimat kien fl-14 ta' Dicembru 2016. Murija tlett *cheques*, li jirisalu ghal Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 2016, l-attrici tikkonferma illi dawk hadithom fi flus b'total ta' sitt mitt ewro u li fuqhom hemm il-firma taghha, l-attrici xehdet illi hija insiethom dawn iz-zewg pagamenti.

Konfrontata bil-fatt li l-intimat qabel id-digriet kien jghaddilha manteniment ta' EUR 50 fil-gimgha biex jara lill-minuri, l-attrici tindika illi ma tiftakarx b'dan, u li tiftakar hu li darba minnhom kienu hargu nofs bin-nofs ghal baskett tal-iskola li kien jiswa sittin ewro. Mistoqsija minn din il-Qorti jekk meta l-intimat kien imur jara lit-tifla kienx igib xi haga tal-flus, l-attrici wiegbet illi mhux dejjem. Izid illi darba minnhom kien ta ukoll xi haga ghall-uniformi, u li f'sena forsi ta' tlett darbiet hamsin ewro (EUR 50), imma ma tiftakarx ezatt. Tikkonferma illi darba minnhom kienet qaltlu biex ma jigix jara lit-tifla, u biex ma jaghtihx iktar flus u li minn issa 'l quddiem jipprocedu bil-Qorti. Tinsisti illi meta kienet harget tqila, qatt ma ried jaf bit-tifla, u beda anke jimalafamaha. Illi meta twieldet il-minuri, ukoll kien rega' cahadha. Mistoqsija ghalfejn ma kienet ghamlet xejn meta rceviet l-ittra ufficjali, l-attrici spjegat illi hi marret ghand avukat meta irceviet il-karti tal-kawza, liema kawza hija giet ordnata thallas l-ispejjes izda ma hallsithomx. Fir-rigward ic-*cheque* fl-ammont ta' EUR 130, l-attrici isostni illi dawk kienu minhabba l-uniformi, ftit qabel ma bdiet l-iskola pero ma tiftakarx ta' liema sena. Tichad li l-intimat kien ihallas ghall-pitazzi.

Tishaq illi meta fegget l-allegazzjoni kontra l-intimat, il-Pulizija kienu qalulha li ghalissa l-access ghandu jieqaf. Mistoqsija jekk qabel id-digriet tal-access kienx hemm raguni ghalfejn ma kinietx qieghda taghtih lill-minuri ghall-access, l-attrici tindika illi ma kienx hemm raguni ghal dan. L-attrici tibqa isostni illi hi riedet kollox bil-miktub u ordnijiet b'digriet ghaliex ma riditx li jerga' jghidilha li l-minuri mhux tieghu.

***Ri-prodotta in kontro-ezami nhar il-15 ta'Marzu 2023 (vide fol 237 et seq) l-attrici*** b'referenza ghal dak rilevat minnha f'punt 6 tal-affidavit taghha, tikkjarifika illi kien iz-ziju taghha u mhux iz-ziju tal-intimat illi qal lill-intimat biex jaghmel test tad-DNA.

Tikkonferma illi hi tiftakar li kien sar dan id-diskors minn zijuha fil-prezenza tal-intimat, u li zijuha kien qal lill-intimat biex jekk hu mhux jemmen lill-attrici, imur jaghmel test tad-DNA bil-patt u l-kundizzjoni li jekk id-DNA jirrizulta li hija bintu, irid imantnija skond il-ligi u ghal dan id-diskors l-intimat la tkellem u qabad u harab.

Tishaq illi hi ma wegbitx ghall-ittra ufficjali ghaliex l-intimat filli kien jishaq li l-minuri mhux tieghu u filli jghid il-kontra u kien ghalhekkt li riedet tidhol il-Qorti biex ikollha c-certezza. Tinsisti illi meta l-minuri kellha ghaxar (10) snin maghluqa li l-intimat ghadda l-ewwel manteniment, u li mit-twelied sa ghaxar snin, ma ta xejn. Mistoqsija dwar il-pagamenti ta’ hamsin ewro (EUR 50) fil-gimgha li kien jghaddilha, ix-xhud ma tiftakarx fuq dan.

Mistoqsija jekk tahdimx, l-attrici tindika illi ma tahdimx, u l-ahhar li hadmet kien meta t-tifla kellha xi tlett xhur u sakemm ghalqet sena jew sentejn. Mistoqsija jekk ghal dawn l-ahhar erbatax il-sena qattx hadmet, l-attrici wiegbet fin-negattiv, u kkonfermat li qatt ma rregistrat ghax-xoghol. Tishaq illi hi ma hadmitx biex trabbi lit-tifla, u llum il-gurnata qieghda tiehu hsieb lill-genituri taghha. Tikkonferma illi qieghda tircievi l-beneficcju moghti lil *carers* fl-ammont ta’ EUR 600 fix-xahar.

***Omm l-intimat, Elizabeth Grech xehdet permezz ta’ affidavit (vide fol 223 et seq)*** u spjegat illi binha kien jghix maghha f’Rahal Gdid sakemm l-intimat kien ghadu f’relazzjoni mal-attrici u l-attrici kienet tmur ghandhom kull nhar ta’ Sibt. Dak iz-zmien l-attrici kienet ghadha zghira fl-eta. Tishaq illi binha kien jipprova ikellem lill-attrici sabiex jirrikonoxxi lill-minuri, bhala bintu izda l-attrici qatt ma riedet taf, tant illi eventwalment binha kien baghat xi ittra ufficjali u anke fetah kawza ghar-rikonoxximent. Tispjega illi hi kienet imcahhda minn neputija ghal madwar sitta jew seba’ snin, filfatt zewgha lanqas qatt ma ra lill-minuri. Illi minkejja li joqghodu vicin tal-attrici, l-attrici kienet tkun pronta iddawwar wicc it-tifla biex lanqas iharsu lejha meta jinzertawha barra fit-triq. Isostni illi minkejja li l-Qorti kienet ordnat illi l-kunjom tal-minuri ghandu jkun Grech Bezzina, l-omm kienet baqghet tindika biss Bezzina bhala kunjom il-minuri, tant li binha l-intimat, kien ikollu jmur l-iskola, il-Muzew u anke l-isptar bic-certifikat kif emendat biex jirrangaw ir-*records* tat-tifla.

Tixhed illi binha dejjem ra li l-minuri ma tkun nieqsa minn xejn tant li kien xtralha karma tas-sodda li kienet swietu EUR 4000 biex ikollha l-kamra taghha ghandhom minkejja li kienet torqod ghandhom darba fil-gimgha. Illi binha kien xtralha ukoll diversi affarijiet bhal *laptops, mobiles* u qatt ma kien xhih ma' bintu.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, prodott mill-intimat xehed nhar l-24 ta' Mejju 2023 (vide fol 260 et seq)*** u esebixxa dokumentazzjoni relattiva ghal beneficcji socjali percepiti mill-attrici mis-sena 2005 sal-present. (Vide DOk ST1). Ix-xhud spjega illi l-attrici kienet ghamlet applikazzjoni, peress li kellha tfal taht is-sittax- il sena u ma kinietx qieghda tahdem u dak iz-zmien hadet beneficcju bhala *social assistance* ghal *single parent*. Illum qieghda tiehu iz-zieda fil-*carer's pension*, peress li qieghda tiehu hsieb lil xi hadd tal-familja.

***Ri-prodott nhar is-6 ta' Lulju 2023 (vide fol 271 et seq) Saviour Theuma,*** spjega illi f'Mejju tas-sena 2018, l-attrici kienet infurmathom illi kient qieghda tircievi manteniment fl-ammont ta' EUR 200 fix-xahar minghand il-missier u li kien ilu jaghtiha tali manteniment minn Dicembru tas-sena 2016.

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal-Jobsplus, prodott mill-intimat xehed nhar l-24 ta' Mejju 2023 (vide fol 263 et seq)*** esebixxa *Jobsplus employment u registration history* tal-attrici (Vide Dok LB1). Ix-xhud ikkonferma illi l-ahhar li l-attrici irregistrat ghax-xoghol kien fil-15 ta' Dicembru 2004.

***L-intimat in kontro-ezami nhar il-15 ta' Novembru 2023, (vide fol 277 et seq)*** spjega illi hu kien induna li l-attrici kienet tqila ghaliex kien ra fit-triq u meta mar jaffacjaha kien hemm iz-ziju tal-attrici barra, izda l-attrici kienet qaltlu biex ma jindahalx waqt li zijuha kien qallu biex jaghmlu *DNA test*. Jikkonferma illi dan il-kliem sar fil-presenza tal-attrici. Meta kien miftihem maghha, biex jaraw x'ser jigri, hi kienet irrifjutat li tmur. Dak iz-zmien kienet ghadha mal-*boyfriend* taghha, u filfatt anke spicca kellu kawza mal-*boyfriend* taghha, fejn gie liberat mill-allegazzjonijiet maghmulha fil-konfront tieghu.

Jishaq illi hu kien jibghat l-ittri ufficjali izda l-attrici qatt ma tat kashom. Jinsisti illi kien hu li mar fuqha meta raha tqila, u mhux l-attrici avvicinatu. Jishaq illi hu baqa jmur jitlobha li jsir DNA izda l-attrici kienet tghidlu biex ihalliha bi kwieta, u li hi ma kienetx bzonnu. Jishaq illi hu mar jaghtiha rigal fl-ewwel sena ghaliex hu kien jaf li kien hemm cans kbir li t-tifla kienet tieghu u ried ikun jaf tul l-ewwel sena hajja tal-minuri. Jinsisti illi hu ghamel bejn sena u nofs jew sentejn jaghtiha hamsin ewro *cash* (EUR 50 fil-gimgha) minn jeddu, izda wara xi zmien hi bdiet tirrifjuta dan il-pagament u qaltlu biex jekk irid idahhalha l-Qorti. Jispjega illi kien imur id-dar taghha jaghtihomla. F'dan il-perjodu it-tifla kellha seba' (7) snin.

Jixhed illi d-DNA sar wara u dana peress li l-attrici qatt ma accettat li jsir. Fir-rigward l-ispejjes, jishaq illi l-attrici kienet tmur ghand *stationery* ta' habiba taghha, fejn il-kont ma kienx ikun *itemized*, u kienet tipprezentalu kont ta' EUR 300. Meta hu kien jghidilha biex imorru flimkien, kienet tirrifjuta. Illi apparti minn hekk hu xtara *laptop* ghal minuri, *tablet,* diversi *mobiles*, u qatt ma talab xejn lill-attrici taghhom. Jishaq illi l-attrici qatt ma riedet tahdem. Di piu' l-attrici lanqas ma qaltlu meta t-tifla kellha tigi operata. Izid illi minkejja li t-tifla inghatat iz-zewg kunjomijiet wara l-kawza ta' paternita', l-attrici baqghet tuzalha kunjom wiehed u filfatt kien ikollu joqghod imur l-iskola, il-muzew etc biex kunjom il-minuri ikun indikat sew.

Izid illi hu dejjem offra l-assistenza tieghu lit-tifla, izda l-attrici qatt ma riedet l-assistenza tieghu.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi jigi mmodifikat l-access tal-missier mal-minuri, u sabiex l-intimat jigi ordnat jivversa l-ispejjes tas-sahha u edukazzjoni, u l-arretrati hekk dovuti.

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested***

[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

> ***at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

*Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied*

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija

[8] Enfazi tal-Qorti.

tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-***

> ***istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***
>
> ***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi minn relazzjoni intima li kellhom il-partijiet, twieldet tifla, SGB fit-2 ta' Lulju 2006 u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelied a fol 7 tal-atti. Illi mill-provi prodotti jidher illi l-imsemmija bint il-partijiet kienet originarjament registrata bhala wild missier mhux maghruf, u kien biss in segwitu ta' proceduri ta' filjazzjoni intavolati mill-intimat missier quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta bin-numru 264/11AL fl-ismijiet *AG vs NB et* deciza nhar l-14 ta' Dicembru 2012 *(vide fol 34 et seq)*, li l-intimat gie dikjarat bhala missier biologiku tal-minuri u filfatt kienu saru l-emendi relattivi fic-certifikat tat-twelied tal-minuri kif anke xehed Ignatius Ciantar in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku nhar it-30 ta' Gunju 2021.

Illi llum il-gurnata SGB hija maggjorenni, u **kif iddikjarat mill-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2023, bint il-partijiet marret tirrisjedi mal-missier minn Settembru tas-sena 2023, u ghandha impjieg regolari u fiss u ghalhekk m'hemm l-ebda manteniment dovut mill-omm ghat-tifla**. Illi t-talbiet varji ghal bdil fl-access tal-missier ghal bintu huma ghalhekk sorvolati. Illi ghalhekk dak li jonqos jigi determinat minn din il-Qorti hija t-talba ghall-arretrati tal-manteniment u l-arretrati tal-ispejjes tas-sahha u edukazzjoni.

Fir-rigward l-materja tal-arretrati mitluba mill-attrici mid-datat tat-twelied ta' bint il-kontendenti u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti decisjoni tal-Qorti tal-Familja fl-ismijiet: ***AB f'ismiha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C vs DE (Cit. Nru. 1211/2000/1) deciza 24 ta' Frar 2010 mill-Onor Imhallef N Cuschieri***:

> [***1] Illi gjaladarba jirrizulta stabbilit, bir-rikonoxximent tal-minuri u wkoll bil-konferma bit-testijiet genitici, li dan huwa l-wild naturali tal-konvenut, allura jiskatta l-obbligu da parti l-konvenut, qua genitur, li jmantni, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu sakemm dan jsir maggjorenni;***
>
> ***[2] Illi, kuntrarjament ghal dak sottomess b' mod konciz ghall-ahhar mill-konvenut, dan l-obbligu tal-konvenut jirrizali ghad-data tat-twelid tat-tifel, ghax la darba "dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament illi [il-konvenut] ikun missier bl-obbligu inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel." Din il-Qorti tosserva ulterjorment li, kemm ir-rikonoxximent kif ukoll is-sentenza li ddikdjarat il-paternita', ghandhom biss effett dikjaratorju ta' dritt inerenti gja ezistenti.***

Illi l-konvenut appella minn din id-decisjoni, izda dana l-hsieb gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta'Novembru 2011. Illi dan dejjem kien il-hsieb addottat mill-Qrati nostrani. Illi filfatt fil-kawza **Grech v. Magri**, deciza fl-20 ta' Dicembru, 1946, kienet ghamlet din l-osservazzjoni fuq l-obbligu tal-missier li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid tat-tarbija:

> ***"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa quod omnes jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel.***

**Fir-rigward il-kwistjoni tal-preskrizzjoni** din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza pjena ghal dak rilevat fid-decisjoni fl-ismijiet **AB proprio et nominee Vs SF deciza nhar is-26 ta' Otturbu 2020** rigward il-preskrizzjoni tal-manteniment ghall-ulied:

> ***Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tqis illi jkun utli li tigi l-ewwel net ezaminata din l-eccezzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi illi "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment" jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin. L-artikolu 2123 (b) jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel li hu li hu taht is-setgha tal-endituri."***

Din il-Qorti tqis illi gialadarba kif rilevat aktar 'l fuq, id-dikjarazzjoni tal-istat li ragel huwa il-missier naturali ta' wild jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid, b'konsegwenza ta' dan l-istess japplika ghad-drittijiet u dmirijiet tal-istess ragel *qua* l-missier naturali (u issa legali) ta' dak l-istess wild, liema drittijiet u dmirijiet legalment jemanu minn dana l-istess stat.

Illi huwa evidenti illi ai termini tal-Artikolu *2123 (b)* tal-Kap 16 **l-eccezzjoni ta preskrizzjoni dwar arretrati ta' manteniment minn genitur ghall-wild hija legalment insostanibbli.**

Illi din il-Qorti hija rinfacciata b'zewg versjonijiet diametrikament kunfliggenti. Illi l-attrici da parti taghha tishaq illi kien l-intimat li qatt ma ried jaf b'bintu, l-intimat minn naha l-ohra isostni illi kienet l-attrici li dejjem rat x'ghamlet biex eskluditu mill-hajja ta' binthom sa minn qabel it-twelid. Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma lill-partijiet jixdu *viva voce* diversi drabi tul il-mori tal-proceduri u tosserva ukoll illi filwaqt li l-intimat ipproduca l-affidavit ta' ommu sabiex jikkorabora l-versjoni tieghu (liema xhieda ma gietx soggetta ghall-kontro-ezami), l-attrici ma produciet l-ebda prova ohra, b'mod partikolari lil dan iz-ziju matern li ssemma diversi drabi mill-attrici fi-xhieda taghha.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli u deciza nhar il-11 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet il-Pulizija vs AG (vide fol 180 et seq). Il-Qorti tenniet:

> ***"...izda din il-Qorti meta semghet lill-istess minuri tixhed quddiemha bil-procedura tal-video conferencing u wara li ezaminat dak li qalet fis-sessjonijiet mal-psikologa Carmen Sammut u wara li kkunsidrat cirkostanzi ohra tal-kaz tinsab moralment konvinta li l-istess minuri giet imgelgha tghid certu affarijiet jew ahjar giet konvinta li grawlha certu affarijiet. Dan jinghad mhux biss ghaliex gew riskontrati xi nkonsistenzi f'dak li qalet il-minuri izda anki ghaliex kien hemm silenzji twal meta bdew isiriulha domandi in kontro-ezami fejn kien ovvju li hija ma kinitx taf x'ghandha tghid ghaliex ma kinitx giet preparata tirrispondi ghal dawn id-domandi.***
>
> ***…***
>
> ***Din il-Qorti jidhrilha li huwa piutost inverosimili li omm li ghandha tifla qed tghidilha li missierha ghamlilha certu affarijiet terga' tibghata ghandu wahedha tmin darbiet ohra minghajr problem wara li tkun ghamlet rapport u dan ovvjament sakemm ma kinitx taf ben tajjeb li dak li rrapurtat ma kienx minnu.***
>
> ***…***
>
> ***Fil-fehma tal-Qorti meta t-tifla rrakkuntat lill-ommha li missierha u hi qaghdu jilghabu fuq is-sodda u kienu qed jitgharxu ommha geghlitha tahseb li missierha kien dahhal idejh minn that is-shorts u gharraxa fil-private***

> ***body… Fil-kaz odjern huwa probabbli li l-omm li jirrizulta mill-provi li ma riditx ikollha ndhil mill-missier dwar it-trobbija tat-tifla li ma kinitx tiehu gost li bintha tiltaqa' mal-missier u li ma kienitx kuntenta li huwa gie rikonoxxut bhala l-missier, wara li ghamlet terzo grado lit-tifla dwar dak li gara ghand missierha u wara li t-tifla qaltilha li missierha kien gharraxha immanipulat il-hsibijiet ta' bintha billi geghlitha tahseb li kienu graw affarijiet ohra ben oltre minn dak li effettivament gara.***
>
> **…**
>
> ***Illi fil-kaz odjern din il-Qorti malli semghat lill-minuri tixhed kienet mal-ewwel moralment konvinta li t-tifla giet imgeghlha tghid certu affarijiet minn ommha meta dawn l-affarijiet ma kienux graw."***

Din il-Qorti rat ukoll illi l-attrici in kontro-ezami nhar il-***15 ta'Marzu 2023 (vide fol 237 et seq)*** iddikjarat illi l-ahhar li hadmet kien meta t-tifla kellha xi tlett xhur u sakemm ghalqet sena jew sentejn. Illi pero' din il-Qorti osservat illi mid-dokumentazzjoni esebita mir-rapprezentant tal-Jobsplus (vide DOk LB1 a fol 257 tal-atti) jidher illi tul ix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2021, l-attrici kienet impjegata bhala part-time-casual cleaner mal-*Island Resort Company Limited* u wara li kellha lit-tifla kienet baqghet tahdem sakemm il-minuri kellha tlett snin maghluqa.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi hija l-versjoni tal-intimat li ghandha mis-sewwa. Din ma Qorti tqis illi mhux minnu li l-intimat ma riedx jaf f'bintu u dan huwa korraborat bil-fatt li kien l-intimat li fetah proceduri gudizzjarji sabiex jigi dikjarat bhala missier bint il-partijiet, proceduri li l-attrici setghet facilment tintavola hi ukoll wara t-twelied ta' bintha stante li hija dejjem stqarret illi hi kienet taf li l-intimat kien missier bintha. Illi filwaqt li din il-Qorti tista' tifhem illi l-intavolar ta'proceduri gudizzjarji setghu kienu ta' piz finanzjarju ghall-attrici, din il-Qorti effettivament rat illi meta l-attrici riedet li tirregola l-pozizjoni legali taghha u dik ta' bintha, hadet il-passi legali necessarji, u kienet biss fir-rigward tal-paternita' tal-minuri fejn qaghdet lura.

Illi di piu, dak rilevat mill-Qorti tal-Magistrati fid-decizjoni su citata, ikompli jsahhah dak rilevat mill-intimat, u cioe li l-attrici dejjem riedet li t-tifla tkun taghha u taghha biss, u kif kienet tara lill-minuri taffezzjonha ruhha ghal missierha, l-attrici kienet taghmel hilitha biex ixxekkel ir-relazzjoni bejn il-bint u l-missier. Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-istess gara fir-rigward tal-access. Kawza li originarjament kienet ghal varjazzjoni tal-access u infethet meta l-minuri kienet diga' adolexxenti u tattendi skola sekondarja, inbidlet ghall-kawza ghall-arretrati ta' manteniment, hekk kif il-minuri kellha eta sufficjenti biex taghmel l-ghazliet taghha. Illi in vista ta' tali konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija konvinta illi l-intimat ried li jirrikonoxxi lill-minuri mill-bidu, izda l-attrici qatt ma riedet dan u qatt ma waslet ghall-ftehim bonarju barra l-Qorti biex din il-kwistjoni tigi rizolta.

Din il-Qorti rat illi filwaqt li l-attrici ddikjarat illi hi ma tiftakarx li l-intimat kien ghamel perjodu jghaddi manteniment fl-ammont ta' EUR 50 f'kontanti kull gimgha qabel ma inghata d-digriet ghall-manteniment, l-intimat, minkejja dak li sostna fix-xhieda tieghu ma ipproduca ebda rcevuta ta' hlas.

Fid-dawl tax-xhieda prodotta, il-Qorti tillikwida l-arretrati ta' manteniment mit-2 ta' Lulju 2006 sat-2 ta' Lulju 2016 fl-ammont ta' EUR 150 kull xahar. (150 Ewro x12 xahar x 10 snin), stante li wara Lulju 2016 l-intimat beda jhallas regolarment il-manteniment ta' bintu.

Illi fir-rigward l-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni dovuti mill-intimat fl-ammont ta' EUR 487.52 liema somma tkopri l-perjodu 2017-2021 kif indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici, din il-Qorti tqis illi minn dana l-ammont ghandu jigi mnaqqas nofs l-ammont ta' EUR 550 rapprezentanti *mobile* mixtri lill-minuri mill-intimat (vide fol 204) u cioe EUR 275 u EUR 152 rapprezentanti l-ammont dovut mill-attrici in kwantu l-ircevuti esebiti mill-intimat mal-affidavit tieghu (vide fol 205 et seq), b'dana illi l-ammont dovut mill-intimat huwa dak ta' EUR 60.52.

Illi ulterjorment u fir-rigward ta’ arretrati dovuti in kwantu spejjes ta’sahha u edukazzjoni, din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas EUR 50 fix-xahar mit-twelied tal-minuri sa 2016.

Il-Qorti rat illi l-intimat sahaq illi huwa kien ghamel hlasijiet ta’ sommom konsiderevoli ta’ spejjez legali li suppost thallsu mill-attrici izda kien kostrett ihallashom hu stess sabiex jipprocedi bil-kawza odjerna u ghaldaqstant talab lill-Qorti sabiex tnaqqas, mill-ammont ta’ arretrati kwantifikati minn din il-Qorti, dawn l-ispejjez legali u l-ispejjez inkorsi fix-xiri tal-ghamara tal-kamra tas-sodda ta’ bintu fl-ammont ta’ 4000 Ewro.

Il-Qorti rat illi l-intimat ma ntavola ebda kontro-talba u ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax, legalment, tordna it-tnaqqis dwar l-ispejjez legali tal-kawzi citati, kif jippretendi l-intimat minkejja li jibqa’ inpregudikat kwalunkwe dritt li l-intimat jista’ jkollu biex jipprocedi legalment ghal dak li huwa tieghu.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt, is-seba’u tmien talba u t-tieni talba addizzjonali u dan in vista tal-eta’ maggorenni tat-tifla tal-kontendenti u tal-fatt li bint il-partijiet ilha tirrisjedi mal-missier sa minn Novembru 2023;**

2. **Tilqa’ d-disa’ talba u tordna illi in kwantu arretrati ta’ spejjes ta’ sahha u edukazzjoni, u tordna lill-intimat ihallas EUR 50 fix-xahar mit-twelied tal-minuri sal-eta’ ta’ seba’ snin u cioe 2016 u cioe’ fl-ammont ta’ sitt elef Ewro (6000 Ewro)** [9]

[9] 50Ewro x 12 xahar x 10 snin

3. **Tordna lill-intimat ihallas ta' EUR 60.52 rapprezentanti spejjes ta' edukazzjoni u sahha ghall-perjodu 2017-2021 kif fuq spjegat;**

4. **Tillikwida l-arretrati ta' manteniment mit-2 ta' Lulju 2006 sa Lulju 2016 fl-ammont ta' EUR 150 kull xahar u cioe' fis-somma ta' tmintax-il elf Ewro (18,000 Ewro);**[10]

5. **Tordna lill-intimat ihallas l-arretrati ta'manteniment kif indikat sopra;**

**L-ispejjes ghandhom jiu divizi ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[10] 150 Ewro x12 xahar x 10 snin